# Ħudni

minn Margaret White

Wennisni u bandalni,
f'mewġa t'emozzjonijiet.
Granfani u ħudni miegħek,
imqar fl-eqdem mgħodijiet.

Irrid nidħol f'qoxortok,
ngħixu ħajja bla pjanijiet.
Inkissirlek il-biża' maħkuma,
inżarmalek tad-dwejjaq ħajjiet

Bħal dudu nitkaxkar sa ħsiebek,
ftit ftit intiegħem id-drawwiet.
Nideġerixxi l-ħsieb li jkiddek,
f'moħħok inkebbes dawl rebbieħ.

Waħħadni mal-ħsieb li jsebbħek,
ma' kull tentufa li tagħmlek ferħan.
F'dgħajsa ċkejkna, ħudni, bandalni,
madwar tiegħek, l-oċean is-serħan.

Erġa' sir tifel żgħir miegħi,
laqgħani ma' min sawrek f'raġel mill-isbaħ.
Ilgħab miegħi logħob tfulitek,
naturali insir ċkejkna miegħek

Mal-lejl ħallini nitkebbeb f'qalbek,

nitgeżwer, niżżeffen mar-ritmu mmelles.
Inħitlek il-ġerħiet kbar l-imgħoddija,
inwaħħadlek il-qalb f'sura bellezza.

Mhux se nwiegħedek ħajja bla tbatija,
avolja kieku nista' b'idi nillixxa kull tlajja'.
Inwiegħdek biss li b'idek f'idi,
ma nibżgħux ninbeżqu mal-ħajja.

Fik qatt ma stennejt xejn u mhux se nfittex,
mhux se norbtok jew naħbik.
Nista' biss noffri mħabba eterna,
għax miegħek biss
nara lil ruħi toħroġ minn ġismi
U 'il fuq
'il fuq
ittir.